IR-RABAT

***KUNSILL LOKALI IR-RABAT***

* **MINUTI tal-Laqgħa A 34**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù Itaqa' nhar**
**It-Tnejn 12 ta' Awwissu 2013 fis-6.30 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat** Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Il-Profs. Anthony Griscti Soler | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Membru |
| Is-Sra Cecilia Bonello | Membru |
| Is-Sra Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sna Cecilia Bonello tippresjedi l-laqgħa peress li hija l-aktar membru anzjana u dan peress li s-Sur Lino Pace Bonello rriżenja mill-kariga ta' Ċerpersin b'effett mit-28 ta' Ġunju 2013.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lis-Sna Cecilia Bonello jekk kinitx lesta li taċċetta l-kariga ta' Ċerpersin, peress li l-Viċi Ċerpersin ma kienx aċċetta din il-kariga. Il-Profs. Griscti Soler ippropona li toqgħod is-Sna Cecilia Bonello bħala Ċerpesin tal-Kumitat. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Ċerpersin

Is-Sna Cecilia Bonello aċċetta l-kariga ta' Ċerpersin. u ssottometta l-ittra ta' l-aċċettazzjoni tal-kariga lis-Segretarju Eżekuttiv.

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A 31**

1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-item 'Sospensjoni tar-Regolamenti'. Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li dan l-item tiżdiedlu din l-emenda hekk kif ġej:



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

"Kemm-il darba l-Assistent Prinċipali tal-Kunsill ikun jista' jiggwida lill-Kumitat Amministrattiv b'mod konformi mal-liġi u r-regolamenti tal-Kunsilli Lokali u tal-Kumitati Amministrattivi, il-Kumitat Amministrattiv ma jħossx li għandu jopponi għal din id-delega."

Ittieħed vot dwar din l-emenda. Il-membri kollha vvotaw favur. L-emenda għaddiet 'Nem.Con'.

Il-minuti ġew iffirmati hekk kif emendati.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A 31**

2.01 3.01 Għad m'għanda l-ebda risposta mingħand Transport Malta. Ġie deċiż li tintbgħatilhom *reminder*. *Traffic Calmers*

2.02 3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li dawn it-tabelli twaħħlu. Il-Prof. Griscti Soler saħaq li din il-problema għadha ma ġietx solvuta peress li xorta waħda għad hemm ħafna ħmieġ tal-klieb fit-toroq. Huwa ppropona li nibdew nibgħatu l-'green wardens'. Soluzzjoni oħra tista' tkun li nsibu *soft area* partikolari fejn wieħed ikun jista' jieħu l-kelb tiegħu. Tabelli tal-ħmieġ tal-klieb

2.03 3.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li konna għadna ma rċevejna l-ebda risposta. Ġie deċiż li tintbgħat 'reminder'. *Bus Shelters*

2.04 3.04 Is-Sur Lino Pace Bonello u s-Sur Christopher Farrugia kienu għadhom ma ltaqgħux mal-avukat tal-Kunsill. Ġie deċiż li jiltaqgħu mal-avukat mill-aktar fis sabiex tinstab soluzzjoni sabiex il-bankina terġa' tiġi aċċessibbli. Siġar fi Triq Ġużeppi Caruana

** Is-Sur Lino Pace Bonello ħa talab li jiġi skużat u ħareġ mil-laqgħa fis-7.20 pm

2.05 3.06 Is-Sna Cecilia Bonello lmentat li l-ħaxix minn mal-bankini ma tkompliex jinqata'. Ġie deċiż li jintbgħat il-*works monitor* tal-Kunsill sabiex jieħu r-ritratti tal-*area* u jkellem lill-kuntrattur sabiex ikompli bil-qtugħ ta' ħaxix. Qtugħ ta' ħaxix ħażin mal-bankini

| | | |
|---|---|---|
| 2.06 | 4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li l-Perit tad-Dipartiment tal-Artijiet informana li kien għadu ma applikax mal-MEPA sabiex jitkompla l-ħajt fi Triq Godwin Ganado. Il-Kumitat qabel li għandna nerġgħu nibgħatulu imejl. | Ħajt fi Triq Godwin Ganado |
| 2.07 | 5.03 Il-Profs Griscti Soler qal li x-xogħol ma sarx sew peress li trid tinbidel il-kurduna. Is-Segretarju Eżekuttiv ser kellem lill-kuntrattur tal-bankini sabiex jibdel il-kurduna. | Manutenzjoni fuq bankina fi Triq Carlo Fiamingo k/m Triq Godwin Ganado |
| 2.08 | 5.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li kemm id-Dipartiment tal-Artijiet kif ukoll l-Agrikoltura informawna li ma jagħmlux dan it-tip ta' xogħol. Is-Sur Christopher Farrugia ssuġġerixxa li nibgħatu imejl lis-sanità, fejn niġbdulhom l-attenzjoni li hemm ħafna ħmieġ u ġrieden taħt il-belvedere. | Żbir ta' siġar ta' taħt il-belvedere |
| 2.09 | 5.08 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li ktibna dwar din it-talba iżda għadna ma rċevejna l-ebda risposta. Ġie deċiż li tintbgħat *reminder*.<br><br>*** "Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li l-karozza tal-linja numru 53 ma tibqax tgħaddi minn Tal-Virtù u minflok tibqa' titla' sal-*interchange* tar-Rabat. Mill-*interchange* ikun hemm servizz ta' *mini bus* li jinkludi lil tal-Virtù fir-rotta tiegħu u postijiet oħra sabiex ikunu jistgħu jitniżżlu u jittellgħu l-passiġġieri u jerġgħu joħduhom l-*interchange*. Hekk il-passiġġieri jkunu milħuqa aħjar u sabiex titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku. Jeħtieġ ukoll li jiġu kkunsidrati l-proposti li saru dwar il-*bus shelters* fiż-żona ta' tal-Virtù. Issekonda din il-proposta l-Profs. Griscti Soler."** | Talba biex l-Arriva ma tibqax tgħaddi minn tal-Virtù<br><br>*** Din hija emenda li ġiet miżjuda waqt il-laqgħa A35** |
| 2.10 | 5.09 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li konna għadna ma rċevejna l-ebda risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar meta kienet ser tiġi approvata l-istemma. | L-istemma tal-KA Virtù |
| **3.00** | **Komunikazzjoni mill-membri** | |
| 3.01 | Il-Profs. Anthony Griscti Soler ilmenta dwar il-fatt li hemm infestazzjoni ta' nemel fuq il-bankini. | Infestazzjoni ta' nemel fuq il-bankini |

| | | |
|---|---|---|
| 3.02 | Il-Profs. Anthony Griscti Soler talab li fil-budget li jmiss tiġi inkorporata s-sistema tan-*neighbourhood watch*. | *Neighbourhood watch* |
| **4.00** | **Affarijiet Oħra** | |
| 4.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li l-Kumitat Amministrattiv irċieva kif ġiet imqassma l-allokazzjoni. | Allokazzjoni Finanzjarja |
| **5.00** | **Data tas-seduta li jmiss** | |
| 5.01 | Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 16 ta' Settembru 2013 fis-6.30 pm<br>Il-laqgħa ntemmet fit-7.50 pm. | Data tas-seduta li jmiss |



**Cecilia Bonello**
**Ċerpersin**



**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**